MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Numru. 340/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**-vs-**

**Rueben D'Amato**

Kumpilazzjoni numru: 340/2009

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Rueben D'Amato, ta' 25 sena, iben Bartholomew u Emanuela nee' Mallia, imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Gunju, 1983, u residenti fil-fond "Carmen House", Triq Gorg Mitrovich, Msida, u detentur tal-Karta ta' l-identita' bin-numru; 342883 (M).

Akkuzat talli gewwa l-Msida nhar il-5 ta' Frar, 2009, f'xi hin bejn it-8:30am u l-4:45pm, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Peogeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni DBM-983, ta' apparat tal-Hi-Fi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Clint Cuschieri u/jew persuni ohra.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-vettura msemmija hawn fuq, liema hsara teccedi 116.47 Euro, u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmi Clint Cuschieri u/jew persuni ohra;

Fl-ahharnett akkuzat talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fit-28 ta' Lulju, 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 261(b)(g), 263, 271, u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fil-21 ta' April 2009 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn-naha n-natura tar-reat u minn-naha l-ohra l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, u l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li jidher li issa l-imputat verament ghandu r-rieda li jipprova jeghleb il-vizzju tad-droga u qed jaghmel dak kollu necessarju biex jigi ammess f’programm, fatt li ghandu javvera ruhu fil-granet li gejjin.

Illi in vista ta’ dan l-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar opportun li l-imputat jinghata l-opportunita li jibda dan il-programm minnufih, haga li ma jkunx jista jaghmel jekk tinghata piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(g), 263, 271, u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li fi zmien timen xhur ihallas lill-parte civile Clint Cuschieri s-somma ta’ mitejn Euro (Euro 200). Fic-cirkostanzi fuq imsemmija l-Qorti taghzel li ma titrattax ma’l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fit-28 ta’ Lulju 2008, dan minghajr pregudizzju ghat-tkomplija fis-sehh ta’l-ordni ta’ probation mghotija dak in-nhar fil-konfront ta’l-imputat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------